



Brussell, 7 ta' Frar 2025
(OR. en)

16629/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0153(NLE)

FISC 263
ECOFIN 1478

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jemenda r-
Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward taċ-
ċertifikat elettroniku ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta'...

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011
fir-rigward taċ-ċertifikat elettroniku ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 397 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj>.

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2025/...²⁺ tintrođuċi r-reqwizit ta' ċertifikat elettroniku ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud u l-proċedura elettronika għall-ipproċessar ta' dak iċ-ċertifikat. Għat-tranżazzjonijiet li jsiru sat-30 ta' Ġunju 2032, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw iċ-ċertifikat stampat eżistenti stipulat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011³, sabiex jingħataw biżżejjed flessibbiltà biex jimplementaw l-għadd kbir ta' proġetti tal-IT relatati li diġa' għaddejjin bħalissa. Jenħtiegħ li l-Artikolu 51(1) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jiġi emendat biex waqt il-perjodu tranżitorju jkun jista' jintuża jew iċ-ċertifikat elettroniku jew dak stampat.
- (2) Jenħtiegħ li l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 jiġi sostitwit biex jirrifletti l-fatt li d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE⁴ ġiet sostitwita bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262⁵.

² Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2025/... li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' ċertifikat elettroniku ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L, ..., ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni tad-Direttiva li tinsab fid-dokument ST 16628/24 u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 77, 23.3.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/282/oj).

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/118/oj>).

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2020/262/oj>).

- (3) F'konformità mad-Direttiva 2006/112/KE, mill-1 ta' Lulju 2032, jista' jintuża biss iċ-
ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 1511a ta' dik id-Direttiva. Għaldaqstant, jenħtieġ
li l-Artikolu 51 u l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011, li
jipprevedu l-verżjoni stampata taċ-ċertifikat ta' eżenzjoni, jitħassru f' dik id-data.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 jiġi emendat
skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 51, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Meta r-riċevitur ta' forniment ta' prodotti jew servizzi jkun stabbilit fl-Unjoni iżda mhux fl-Istat Membru fejn isir il-forniment, u ma jintużax iċ-ċertifikat elettroniku ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 151a tad-Direttiva 2006/112/KE, iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni mill-VAT u/jew mid-dazju tas-sisa stipulat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, soġġett għan-noti ta' spjegazzjoni li jinsabu f'dak l-Anness, għandu jservi biex jikkonferma li t-tranżazzjoni tikkwalifika għal eżenzjoni skont l-Artikolu 151(1) tad-Direttiva 2006/112/KE.

Meta juża dak iċ-ċertifikat, l-Istat Membru li fih ikun stabbilit ir-riċevitur tal-forniment ta' prodotti jew servizzi, jista' jiddeċiedi li juża ċertifikat ta' eżenzjoni mill-VAT u mid-dazju tas-sisa komuni inkella żewġ ċertifikati separati.”;

(2) l-Anness II huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Artikolu 51 jitħassar;
- (2) l-Anness II jitħassar.

Artikolu 3

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. L-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2031.
3. L-Artikolu 2 għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2032.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

“ANNEX II

Ċertifikat tal-eżenzjoni mill-VAT u/jew mid-dazju tas-sisa msemmi fl-Artikolu 51

Nru tas-serje (fakultattiv):		
1. KORP/INDIVIDWU ELIĠIBBLI		
Deżinjazzjoni/isem		
Triq u numru		
Kodiċi postali, post		
Stat Membru (Ospitanti)		
2. L-AWTORITÀ KOMPETENTI RESPONSABBLI GĦALL-ITTIMBRAR (isem, indirizz u numru tat-telefon)		
3. DIKJARAZZJONI MILL-KORP JEW INDIVIDWU ELIĠIBBLI		
Il-korp jew l-individwu eliġibbli ⁽¹⁾ b'dan jiddikjara		
(a) li l-oġġetti u/jew is-servizzi msemmija fil-kaxxa 5 huma maħsuba ⁽²⁾		
<input type="checkbox"/> għall-użu uffiċjali ta' <ul style="list-style-type: none"> <input type="checkbox"/> missjoni diplomatika barranija <input type="checkbox"/> rappreżentanza konsulari barranija <input type="checkbox"/> korp Ewropew li għalih japplika l-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea <input type="checkbox"/> organizzazzjoni internazzjonali <input type="checkbox"/> il-forzi militari ta' Stat li huwa parti għat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (forza tan-NATO) <input type="checkbox"/> il-forzi armati ta' Stat Membru li qed jieħu sehem f'attività tal-Unjoni taħt il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) <input type="checkbox"/> il-forzi armati tar-Renju Unit stazzjonati fil-gżira ta' Ċipru 	<input type="checkbox"/> għall-użu personali ta' <ul style="list-style-type: none"> <input type="checkbox"/> membru ta' missjoni diplomatika barranija <input type="checkbox"/> membru ta' rappreżentanza konsulari barranija <input type="checkbox"/> membru tal-persunal ta' organizzazzjoni internazzjonali 	
<input type="checkbox"/> għall-użu mill-Kummissjoni Ewropea jew kwalunkwe aġenzija jew korp stabbilit skont il-liġi tal-Unjoni, fejn il-Kummissjoni jew dik l-aġenzija jew dak il-korp iwettaq il-kompitu tiegħu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19		
(deżinjazzjoni tal-istituzzjoni) (ara l-kaxxa 4)		
(b) li l-prodotti u/jew is-servizzi deskritti fil-kaxxa 5 huma konformi mal-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet applikabbli għall-eżenzjoni fl-Istat Membru ospitanti msemmi fil-kaxxa 1, u		
(c) li l-informazzjoni ta' hawn fuq hija mogħtija in bona fide.		
Il-korp jew l-individwu eliġibbli b'dan qiegħed jintrabat li jħallas lill-Istat Membru li jinsab fih il-post tal-forniment tal-prodotti jew tas-servizzi akkwistati, il-VAT u/jew id-dazju tas-sisa li jkun dovut jekk il-prodotti u/jew is-servizzi ma jkunux konformi mal-kundizzjonijiet tal-eżenzjoni jew jekk il-prodotti u/jew is-servizzi ma jkunux intużaw bil-mod maħsub.		
Post, data		Isem u status tal-firmatarju
		Firma
4. TIMBRU TAL-KORP (f'każ ta' eżenzjoni għall-użu personali)		
Post, data	Timbru	Isem u status tal-firmatarju
		Firma

5. DESKRIZZJONI TAL-PRODOTTI U/JEW SERVIZZI, LI GĦALIHOM HIJA MITLUBA L-EŻENZJONI MILL-VAT U/JEW MID-DAZJU TAS-SISA

A. Informazzjoni li tikkonċerna l-fornitur/il-magazzinier awtorizzat

(1) Isem u indirizz

(2) Stat Membru

(3) Numru tal-VAT/tas-sisa jew numru ta' referenza tat-taxxa

B. Informazzjoni li tikkonċerna l-prodotti u/jew is-servizzi:

Le	Deskrizzjoni ddettaljata tal-prodott u/jew is-servizzi ⁽³⁾ (jew referenza għall-formola tal-ordni meħmuża)	Kwantità jew numru	Valur mingħajr VAT u dazju tas-sisa		Munita
			Valur għal kull unità	Valur totali	
Ammont totali					

6. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU OSPITANTI

Il-konsenja/forniment tal-prodotti u/jew tas-servizzi kif deskritti fil-kaxxa 5 tissodisfa:

għalkollox sa kwantità ta' (numru)⁽⁴⁾

il-kundizzjonijiet għal eżenzjoni mill-VAT u/jew mid-dazju tas-sisa

Isem u status tal-firmatarju

Post, data

Timbru

Firma

7. PERMESS GĦAD-DISPENSA MIT-TIMBRU TAĦT IL-KAXXA 6 (fil-każ biss ta' eżenzjoni għall-użu uffiċjali)

Permezz ta' ittra bin-Nru:

Bid-data:

Deżinjazzjoni tal-istituzzjoni eliġibbli:

Qed jiġi/tiġi dispensat(a) minn

Awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti:

Mill-obbligu fil-kaxxa 6 li jinkiseb it-timbru

Isem u status tal-firmatarju

Post, data

Timbru

Firma

(*) Ħassar kif xieraq.

(¹) Ħassar kif xieraq.

(²) Agħmel salib fil-kaxxa rilevanti.

(³) Ħassar l-ispazju mhux użat. Dan l-obbligu japplika wkoll jekk hemm xi formoli tal-ordni meħmużin.

(⁴) Prodotti u/jew servizzi mhux eliġibbli għandhom jitħassru fil-kaxxa 5 jew minn fuq il-formola tal-ordnijiet meħmuża.

Noti ta' spjegazzjoni

1. Għall-fornitur u/jew il-magazzinier awtorizzat, dan iċ-ċertifikat iservi bħala dokument ta' sostenn għall-eżenzjoni mit-taxxa tal-fornimenti ta' prodotti u servizzi jew il-konsenji ta' prodotti lill-korpi/individwi eliġibbli msemmija fl-Artikolu 151 tad-Direttiva 2006/112/KE u l-Artikolu 12 tad-Direttiva (UE) 2020/262. Għalhekk, għandu jittfassal ċertifikat wieħed għal kull fornitur/magazzinier. Barra minn hekk, il-fornitur/magazzinier mistenni jżomm dan iċ-ċertifikat fil-fajls tiegħu f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali li japplikaw fl-Istat Membru tiegħu.

2. (a) L-ispeċifikazzjoni ġenerali tal-karta li għandha tintuża hija stabbilita f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* (C 164 tal-1.7.1989, p. 3).

Il-karta għandha tkun bajda għal kull kopja u jenħtieġ li tkun 210 millimetri b'297 millimetru b'tolleranza massima ta' 5 millimetri inqas jew 8 millimetri iktar fir-rigward tat-tul tagħha.

Għal eżenzjoni mid-dazju tas-sisa iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni għandu jittfassal f'żewġ kopji:
 - kopja waħda biex tinżamm mill-konsenjatur;
 - kopja waħda biex takkumpanja l-moviment tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa.

- (b) Kwalunkwe spazju mhux użat f'kaxxa 5.B. għandu jiġi ingassat ħalli ma jiżdied xejn.

- (c) Id-dokument irid jimtela b'mod li jista' jinqara u b'tali mod li l-entrati ma jkunux jistgħu jitħassru. L-ebda tħassir jew kitba mill-ġdid mhuwa permess. Għandu jimtela b'lingwa rikonossuta mill-Istat Membru ospitanti.

- (d) Jekk id-deskrizzjoni tal-prodotti u/jew tas-servizzi (kaxxa 5.B taċ-ċertifikat) tirreferi għal formola tal-ordni tax-xiri mfassla f'lingwa oħra għajr lingwa rikonossuta mill-Istat Membru ospitanti, trid tiġi mehmuża traduzzjoni mill-korp/individwu eliġibbli.

- (e) Min-naħa l-oħra, jekk iċ-ċertifikat ikun tfassal f'lingwa għajr waħda rikonossuta mill-Istat Membru tal-fornitur/magazzinier, trid tiġi mehmuża traduzzjoni tal-informazzjoni li tikkonċerna l-prodotti u s-servizzi f'kaxxa 5.B mill-korp/individwu eliġibbli.

- (f) Lingwa rikonossuta tfisser waħda mill-lingwi uffiċjali li tintuża fl-Istat Membru jew kwalunkwe lingwa oħra uffiċjali tal-Unjoni li l-Istat Membru jiddikjara li tista' tintuża għal dan il-fini.

3. Permezz tad-dikjarazzjoni tiegħu fil-kaxxa 3 taċ-ċertifikat, il-korp/individwu eliġibbli jipprovd i l-informazzjoni neċessarja għall-evalwazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fl-Istat Membru ospitanti.
4. Permezz tad-dikjarazzjoni tiegħu fil-kaxxa 4 taċ-ċertifikat, il-korp jikkonferma d-dettalji fil-kaxxa 1 u 3(a) tad-dokument u jiċċertifika li l-individwu eliġibbli huwa membru tal-persunal tal-korp.
5.
 - (a) Ir-referenza għall-formola tal-ordni tax-xiri (kaxxa 5.B taċ-ċertifikat) irid ikun fiha minn tal-inqas id-data u n-numru tal-ordni. Il-formola tal-ordni għandha jkollha fiha l-elementi kollha li jidhru fil-kaxxa 5 taċ-ċertifikat. Jekk iċ-ċertifikat ikollu jkun ittimbrat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, il-formola tal-ordni għandha tkun ittimbrata wkoll.
 - (b) L-indikazzjoni tan-numru tas-sisa definit fl-Artikolu 2, il-punt (12), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 tat-2 ta' Mejju 2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2073/2004 hija fakultattiva; in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew in-numru ta' referenza tat-taxxa jrid ikun indikat.
 - (c) Il-muniti għandhom jiġu indikati permezz ta' kodiċi bi tliet ittri f'konformità mal-istandard kodiċi ISO 4217 li ġie stabbilit mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni*.
6. Id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq mill-korp/individwu eliġibbli għandha tkun awtentikata fil-kaxxa 6 permezz tat-timbru tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti. Dik l-awtorità tista' tagħżel li l-approvazzjoni tagħha tkun tiddependi fuq il-qbil minn awtorità oħra fl-Istat Membru tagħha. L-awtorità tat-taxxa kompetenti għandha l-kompitu li tikseb it-tali qbil.
7. Sabiex il-proċedura tiġi ssimplifikata, l-awtorità kompetenti tista' tiddispensa mill-obbligu tal-korp eliġibbli biex jitlob timbru fil-każ ta' eżenzjoni għall-użu uffċjali. Il-korp eliġibbli għandu jsemmi din id-dispensa fil-kaxxa 7 taċ-ċertifikat.

* Bħala indikazzjoni, xi kodiċijiet relatati mal-muniti attwalment użati: EUR (euro), BGN (lev), CZK (krona Ċeka), DKK (krona Daniża), GBP (Lira sterlina), HUF (forint), LTL (litas), PLN (zloty), RON (leu Rumenu), SEK (krona Żvedizza), USD (dollaru Amerikan).".